



Stqarrija għall-Istampa

Il-Lussemburgu, it-8 ta' Diċembru 2022

Pagamenti bbażati fuq l-ING li jsiru lill-baġit tal-UE: l-awdituri jappellaw għal verifiki aktar iffukati

Id-*data* tal-ING (introjtu nazzjonali gross) hija bażi importanti għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet li l-Istati Membri jagħmlu għall-baġit tal-UE. Skont rapport ġdid li nħareġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, il-verifikazzjoni ta' din id-*data* mhijiex iffukata b'mod suffiċjenti. Għalkemm l-Eurostat (l-uffiċċju tal-istatistika tal-UE) kien effettiv b'mod ġenerali biex jidentifika u jindirizza problemi b'riskju għoli għall-kompilazzjoni tad-*data* tal-ING, huwa ma vverifikax sistematikament problemi b'riskju għoli u pajjiżi fil-kategorija tal-ogħla riskju l-ewwel, u mhux dejjem wettaq daww il-verifiki kmieni biżżejjed. Pereżempju, l-Eurostat ma rreaġiex fil-pront għall-problema ta' kumpaniji multinazzjonali li jirrilokaw in-negozji tagħhom għal skopijiet ta' taxxa.

Il-kontribuzzjonijiet, ibbażati fuq l-ING, tal-pajjiżi tal-UE jikkostitwixxu l-akbar sors ta' introjtu tal-baġit tal-UE. Fl-2021, dawn ammontaw għal EUR 116-il biljun, madwar żewġ terzi tal-baġit. L-Eurostat jivverifika l-kwalità tad-*data* tal-ING tal-pajjiżi tal-UE f'ċikli pluriennali, u jista' jitlebbhom jaġġustaw l-istimi inizjali tagħhom – li huma l-bażi għall-kalkolu li l-Kummissjoni tagħmel tal-kontribuzzjonijiet tagħhom – 'il fuq jew 'il isfel. L-awdituri vverifikaw jekk l-Eurostat immanigġjax sew il-verifikazzjonijiet tiegħu matul iċ-ċiklu l-aktar reċenti 2016-2019.

"Huwa importanti li jiġi żgurat li l-kontribuzzjonijiet, ibbażati fuq l-ING, tal-pajjiżi tal-UE għall-baġit tal-UE jkunu ġusti u prevedibbli," qal Marek Opiola, il-Membri tal-QEA li mexxa l-awditu. *"Biex il-verifikazzjonijiet ikunu effettivi u effiċjenti, jenħtieġ li problemi trasversali u pajjiżi bl-ogħla fattur ta' riskju jkunu fil-korsija ta' prijetà tal-Eurostat għall-verifiki."*

Il-prevedibbiltà tal-kontribuzzjonijiet ibbażati fuq l-ING tiddependi minn jekk iċ-ċiklu ta' verifikazzjoni – li normalment idur erba' jew ħames snin – jiġi ikkompletat fil-ħin, u minn kemm l-Eurostat jinforma malajr lill-pajjiżi bir-riżultati tiegħu. L-awdituri sabu li l-Eurostat kien ikkompleta verifiki bħalma kien ipplanat u pprova informazzjoni f'waqtha lill-pajjiżi dwar aġġustamenti. Madankollu, ħafna problemi – 20 % aktar minn wara iċ-ċiklu preċedenti – baqgħu miftuħa fil-għamla ta' "riżervi", u b'hekk il-pajjiżi kkonċernati setgħu potenzjalment jintalbu jħallsu aktar fil-ġejjieni.

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport speċjali maħruġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Ir-rapport sħiħ huwa disponibbli fuq eca.europa.eu.

ECA Press

12, rue Alcide De Gasperi – L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu @EUAuditors eca.europa.eu

L-użu għdid tal-valutazzjonijiet tar-riskju u s-sollijiet għen lill-Eurostat jidentifika u jimmitiga r-riskji billi ppermetteli jiddetermina l-problemi l-aktar importanti għas-segwitu, iżda l-Eurostat ma nqediex bis-sħiħ bir-riżultati ta' dan l-approċċ biex jipprijorizza l-verifikazzjonijiet għal problemi trasversali u pajjiżi b'riskju għoli. Lill-pajjiżi kollha tal-UE, l-Eurostat assenjalhom kategorija ta' riskju ta' livell għoli, medju jew baxx. Madankollu, huwa wettaq biss il-verifiki tiegħu kmieni fiċ-ċiklu, u qabel ma vverifika dawk b'riskju aktar baxx, għal tlieta mis-seba' pajjiżi b'riskju għoli. Fil-fatt, madwar kwart tar-riżervi speċifiċi fi tmiem iċ-ċiklu ta' verifikazzjoni kienu jikkonċernaw l-erba' pajjiżi b'riskju għoli li ma kinux ingħataw prijorità effettiva. Barra minn hekk, huwa vverifika wisq problemi b'impatt baxx fuq l-ING. L-Eurostat lanqas ma jagħti prijorità lill-problemi li jissenjala, u dan ikabbar ir-riskju li l-pajjiżi l-ewwel jindirizzaw problemi b'impatt aktar baxx. L-awditi jgħidu li jenhtiegħ li l-Eurostat jiffoka fidmieu aktar fuq problemi b'riskju għoli bl-ogħla impatt potenzjali fuq l-ING, billi dan jista' potenzjalment inaqas l-għadd ta' riżervi u b'hekk il-kontribuzzjonijiet baġitarji mill-pajjiżi tal-UE jsiru aktar prevedibbli.

L-Eurostat ma rreaġix fil-pront għall-problema b'riskju għoli ta' kumpaniji multinazzjonali li jirrilokaw l-operazzjonijiet jew l-assi tagħhom biex jibbenefikaw minn reġimi tat-taxxa vantaġġużi, għalkemm il-problemi kontabilistiċi involuti kienu diġà magħrufa diversi snin qabel ma beda ċ-ċiklu ta' verifikazzjoni. L-Eurostat iddeċieda wkoll li jqiegħed riżerva għal din il-problema biss għall-perjodu wara l-2018, u b'hekk ħalla l-impatt mis-snin ta' qabel inċert. Il-pagamenti tal-ING ta' xi pajjiżi jistgħu jkunu skorretti, billi l-kontijiet tagħhom ta' qabel l-2018 setgħu ma ġewx ikkalkulati b'mod preċiż; oħrajn, bħall-Irlanda, irrappurtaw *data* affidabbli.

Informazzjoni ġenerali

Kull pajjiż tal-UE jħallas lill-baġit tal-UE kontribuzzjoni kkalkulata bħala perċentwal tal-ING tiegħu. Din ir-“rata ta' għbir” hija l-istess għall-pajjiżi kollha, iżda tista' tvarja minn sena għal oħra (pereżempju, kienet 0.84 % fl-2021). F'termini assoluti, il-Ġermanja għamlet l-akbar kontribuzzjoni bbażata fuq l-ING (EUR 29.6 biljun) fl-2021, segwita minn Franza (EUR 20.3 biljun) u l-Italja (EUR 14.5-il biljun). Fil-passat, il-pajjiżi tal-UE kellhom diffikultajiet biex iħallsu ammonti addizzjonali kbar fi żmien qasir. Fl-2014, ir-reviżjonijiet tad-*data* tal-ING wasslu għal aġġustamenti mingħajr preċedent li ammontaw għal kważi EUR 10 biljun, u l-impatt kien akbar għal xi pajjiżi milli għal oħrajn: ir-Renju Unit, pereżempju, kellu jħallas EUR 2.1 biljun addizzjonali, jew 21 % b'żieda mal-kontribuzzjoni tiegħu bbaġitjata oriġinarjament. F'Lulju 2016, l-Irlanda rrappurtat żieda ta' 24 % (EUR 39 biljun) fid-*data* tal-ING għall-2015 meta mqabbla mal-2014, minħabba r-rilokazzjoni tal-assi ta' ftit kumpaniji multinazzjonali kbar. Tliet pajjiżi rrappurtaw lill-Eurostat fl-2017 li, mill-2010, kienu osservaw każijiet speċifiċi fejn il-kumpaniji kienu rrilokaw assi sostanzjali lejn jew minn pajjiżhom.

Ir-Rapport Speċjali 25/2022, “Verifikazzjoni tal-Introjtu Nazzjonali Gross għall-finanzjament tal-baġit tal-UE: ir-riskji fil-kompilazzjoni tad-*data* jiġu koperti sew b'mod ġenerali, iżda hemm lok għal prijoritizzazzjoni akbar tal-azzjonijiet”, huwa disponibbli fuq is-[sit web tal-QEA](#). Ir-rapport preċedenti tal-QEA dwar dan is-suġġett, fl-2013, ikkonkluda li ċ-ċiklu ta' verifikazzjoni 2007-2012 kien biss parzjalment effettiv.

Kuntatt għall-istampa

Uffiċċju tal-istampa tal-QEA: press@eca.europa.eu

- Damijan Fišer: damijan.fiser@eca.europa.eu - M: (+352) 621 552 224
- Claudia Spiti: claudia.spiti@eca.europa.eu - M: (+352) 691 553 547
- Vincent Bourgeois: vincent.bourgeois@eca.europa.eu - M: (+352) 691 551 502